# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza tat-28 ta' Marzu 2023**

**Talba nru. 131/2021**

**ELMO INSURANCE LIMITED**
**(C-3500)**

***VERSUS***

**DANROF VELLA**
**(KI 10089M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentata fit-3 ta' Mejju 2021 (a fol 1 et seq), is-socjeta attrici ippremettiet illi hija sborsat a favur tar-rikorrenti fl-arbitragg fl-ismijet "Atlas Insurance PCC Limited et vs Danrof Vella et" (M5303/2018) deciz fit-23 ta' Awissu 2018 is-somma komplessiva ta' elf mija sebgha u disghin Ewro sitta u sebghin centezmu (Eur 1,197.76) in linea ta' danni, imghax, spejjez u VAT kif kienet kostretta u obbligata taghmel a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta fil-vesti taghha ta' assikuratur koncernat tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAR 494.

Ra illi s-socjeta attrici tenniet illi l-konvenut Danrof Vella kien qed isuq il-vettura DAR 494 fit-2 t' Awissu 2016 meta sehh incident ma' vettura ohra HBD 692 u fiz-zmien ta' l-incident il-konvenut ma kellux licenzja tas-sewqan. Ghaldaqstant il-konvenut ma kienx kopert mill-polza ta' l-assikurazzjoni. Izda s-socjeta rikorrenti ma setghetx ma thallasx lil terzi gialadarba kienu sodisfatti d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghaldaqstant il-konvenut huwa veru, cert debitur tas-socjeta attrici Elmo Insurance Limited fl-ammont komplessiv ta' Eur 1,197.76) liema ammont johrog mid-decizjoni ta' l-arbitragg. Is-socjeta attrici talbet ukoll l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' April 2017 u l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Settembru 2019 a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u spejjez tal-proceduri odjerni, bl-imghaxijiet.

Ra illi s-socjeta attrici kellha tadopera l-procedura ta' l-affissjoni li saret fil-25 ta' Frar 2022 kif jidher a fol. 14 kif ukoll il-pubblikazzjoni f'gazzetta tal-gvern (a fol.13) datata 12 ta' April 2022 u f'gazzetta lokali datata 28 ta' April 2022 (Fol. 17).

Ra illi fl-udjenza tal-15 ta' Novembru 2022 l-intimat naqas milli jidher ghas-seduta anke wara li l-proedura tan-notifika kienet saret u giet ezawrita u lanqas deher xi rapprezentant ghalih u lanqas ressaq risposta fiz-zmien li trid u tghid il-ligi sabiex iwiegeb ghat-talbiet attrici. Ghaldaqstant it-Tribunal iddikjara lill-konvenut fi stat ta' kontumacja skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra illi d-difensur tas-socjeta attrici fl-istess udjenza tal-15 ta' Novembru 2022 ipprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut Danrof Vella. (Fol.23)

Ra illi fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2023, il-konvenut rega naqas milli jidher sabiex iwiegeb ghad-domandi in subizzjoni.

Ra illi fl-udjenza tas-16 ta' Frar 2023 is-socjeta attrici ezawrixxiet il-provi taghha.

Ra id-dokumenti prezentati.

Sema x-xhieda.

Ra l-atti processwali.

Ikkunsidra

Illi fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2023 xehed Dr. Christopher Spiteri rapprezentant ta' Transport Malta li ikkonferma li fid-data ta' l-incident awtomobilistiku li a bazi tieghu qed jigu reklamati d-danni minghand il-konvenut, dan ta' l-ahhar u cioe Danrof Vella ma kellux licenzja tas-sewqan valida. Ix-xhud ipprezenta dokument (Fol.35) li jkompli jikkonferma dak li kien qed jixhed fuqu.

Fl-istess udjenza xehed ukoll George Stagno Navarra in rapprezentanza tas-socjeta attrici illi iddikjara illi is-socjeta attrici kienu gew infurmati minn Atlas Insurance Limited illi kien hemm claim rigward incident awtomobilistiku li kien sehh bejn il-vetturi HBD 692 u DAR 494. Ix-xhud jghid illi s-socjeta attrici sussegwentament kienet giet infurmata bid-decizjoni moghtija mic-Centru ta' l-Arbitragg sabiex l-istess socjeta thallas l-ammont ta' Eur 1,197.76 flimkien ma' Eur 699.04 bhala spejjez legali, liema ammonti gew imhallsa mis-socjeta attrici a favur ta' Atlas Insurance. Gie spjegat ukoll illi l-konvenut kien kiser kundizzjoni mill-polza ta' l-assikurazzjoni stante illi kien qed isuq vettura waqt li ma kellux licenzja tas-sewqan.

Fl-udjenza tas-16 ta' Frar 2023 xehdet Dr. Fiona Galea Farrugia li ipprezentat zewg dokumenti li jikkonsistu fid-decizjoni arbitrali u t-taxxa relattiva ghall-istess decizjoni. F'din l-udjenza, s-socjeta attrici ddikjarat li ghalqet il-provi taghha.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din id-disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Illi l-konvenut baqa ma ressaqx risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi rapprezentant legali tieghu sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici fl-udjenza sussegwenti. Tali konvenut, ghalhekk, kien gie dikjarat fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi min-naha l-ohra is-socjeta attrici ipproduciet diversi xhieda illi xehedu estensivament dwar il-fatt illi l-konvenut ma kellux licenzja tas-sewqan meta kien involute f'incident awtomobilistiku li wassal ghal danni sofferti lil terzi. Dawn id-danni kellha taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta attrici u dan wara li kien hemm decizjoni tac-Centru ta' l-Arbitragg li bl-aktar mod car (Dok. FG1) tat htija lill-konvenut.

Illi kif spejgat mir-rapprezentant George Stagno Navarra fit-12 ta' Jannar 2023, is-socjeta attrici kellha thallas lil Atlas Insurance tad-danni kagunati. Ghaldaqstant fid-dawl illi l-konvenut kien kiser kundizzjoni tal-polza ta' l-assikurazzjoni, s-socjeta attrici qieghda tippretendi li dak li hallset ghan-nom tieghu issa tigbru minghandu.

Illi fis-16 ta' Frar 2023 din il-kawza thalliet ghas-sentenza abbazi tal-materjal probatorju sa dakinhar migbur in atti, u dan bl-adoperu tas-sucitat Artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi t-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta attrici da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut baqa kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta ghamel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut/socjeta konvenuta. (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema' ix-xhieda, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li s-socjeta attrici timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba.  It-Tribunal ha kont ta' dak li gie affermat bil-gurament mix-xhieda ipprezentata mis-socjeta attrici inkluz d-dokumenti pprezentati li juru d-danni reklamati u d-decizjoni arbitrali.

Illi ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mis-socjeta attrici u anke bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta t-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' elf mija sebgha u disghin Ewro sitta u sebghin centezmu (Eur 1,197.76) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mit-30 ta' Settembru 2019 u li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tal-konvenut inkluz dawk ta' l-ittri ufficcjali bin-numru 2914/19 u 1119/17 (ipprezentati fl-atti processwali).

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur